Ordni ta' Malta. Meta l-membri tal-familja fl-Ordni mietu, fl-1739 id-dar ġiet mikrija lil Commandatore Bisignani. Erbejn sena wara, id-dar ġiet inkorporata mal-Kommendarju ta' Plaignes.

Faċċata ta' Casa Casaux kien hemm dar kbira u sabiħa f'numru 40 Triq iż-Żekka, li kienet tappartieni lil-kavallier Fra Louis d'Essuard Besaure. Din id-dar kellha ġnien sabiħ imżejjen bi statwi kbar, pero' kienet ukoll ġarbet ħsarat fil-gwerra. Sal-bidu tas-snin sebgħejn, parti minn din id-dar kienet għadha teżisti; parti minnha kienet għand in-negozjant Louis Grech Sant u parti oħra għand il-familja Zammit 'Ta Malata'. Din id-dar kienet twqqgħet u f'lokha nbnew appartamenti ġodda u l-famuża mina ta' Triq San Patrizju. Insibu li fl-1888 fid-dar kien joqgħod il-Quartermaster F. Gardiner, tal-Commissariat and Transport Department Ingliż, mal-familja tiegħu.

Għalkemm ma jissemgħu f'ebda ktieb, hemm żewġt idjar oħra li ħaqqhom jissemgħew f'din il-kitba. L-ewwel waħda hi dik b'numri 124, 125 u 126 Triq iż-Żekka u li ħafna jafuha bħala 'ta Vinċenti'. Għalkemm m'għandix dettalji fuq min kien oriġinaljament jokkupa d-dar, mill-arkitettura tal-faċċata u l-kobor tagħha, jidher ċar li din kienet dar ta' xi kavallier jew ta' xi nies sinjuri. Fis-snin tmenin tas-seklu dsatax insibu li għal xi żmien ċerta sinjura Ngliża F.T. Barr kienet toqgħod f'numru 125.

Tnejn mil-ġirien tiegħi, l-aħwa Carmela Bonello u Stella Tanti, b'ġentilezza kbira spjegawli dak li jiftakru fuq ir-residenti ta' din id-dar. Meta kienu għadhom tfal, fid-dar kienet toqgħod il-Barunessa De Piro. Fil-gwerra l-Barunessa marret toqgħod tas-Sliema u fil-bidu tas-snin erbgħin kriet id-dar lill-militar u serviet ta' Mess għall-uffiċċjali Amerikani li anka kellhom iċ-ċinema fid-dar. Għal xi żmien, id-dar intużat bħala l-każin tal-football tal-Belt. Wara tant snin, inxtrat mid-ditta Joseph Vinċenti fejn sallum għad hemm l-uffiċini minn fejn topera din il-kumpanija.

Ma nistgħux inħallu barra binja tant famuża u li jafuha ħafna! Qed nirreferi għal dik f'numru 36 Triq iż-Żekka jew kif inhi msejħa 'l-Iskola l-Qadima'. Din il-binja tokkupa parti kbira mil-katuniera ta' Triq iż-Żekka, Triq San ġwann u Triq San Patrizju. Sfortunatament ma rnexxielix niskopri l-oriġini ta' dan il-palazz żgħir. Bħal ta' qabilha, għanda faċċata b'arkitettura Barokka sabiħa mmens u l-bieb prinċipali jġib skudett bil-monogramm u oħra ma' l-opramorta li ġiet sfigurata fi żmien l-imblokk. Naħseb li huma ħafna dawk li fi









ħlief li nħobb u nkun maħbub?"(L-Istqarrijiet, II 2). Meta mbagħad, ġewwa Milan, permezz tal-ittri ta' San Pawl, libes lil Kristu u ħaddan it-twemmin nisrani, infetaħ quddiem Santu Wistin l-orizzont tal-vera imħabba. Minn dak il-ħin, din il-vera mħabba saret il-liġi tal-gravita' tal-ħajja u l-fidi tiegħu. Hekk jikteb fl-Istqarrijiet: "Jien it-toqol tiegħi huwa mħabbti; immur fejn immur, hu jqanqalni. Id-don tiegħek ikebbisna u jerfagħna 'l fuq, u aħna nitħeġġu u nitqanlu. Nitilgħu t-telgħa li hi għal qalbna u ngħannu l-għanja tat-tegħat. Nitħeġġu u nitqanlu bin-nar tiegħek, u nitilgħu 'l fuq lejn is-sliem ta' ġerusalem, għax fraħt meta qaluli, 'Sejrin f'dar il-Mulej'. Hemmhekk ir-rieda tajba tagħna tqegħidna, biex ma nkunu rridu xejn iżjed ħlief li nibqgħu f'dik id-dar għal dejjem" (L-Istqarrijiet, XII, 9).

X'inhu dan id-don li fuqu jikteb Santu Wistin fil-passaġġ ta' hawn fuq? Meta naqra dan il-passaġġ niftakar f'dak li kiteb Santu Wistin fl-opra fuq it-Trinità. Fil-ktieb ħmistax ta' din l-opra, Santu Wistin jitkellem mill-Ispirtu s-Santu bħala d-don tal-Imħabba bejn il-Missier u l-Iben u tal-għaqda ta' bejniethom. L-Ispirtu s-Santu huwa d-don għax huwa l-Imħabba tal-Missier u tal-Iben. Iżda Santu Wistin ma jieqafx hawn. Iżied igħid li dan id-don, jiġifieri l-Ispirtu s-Santu, din l-Imħabba tal-Persuni tat-Trinità, huwa wkoll id-don li jingħata lilna. Dan ifisser li l-istess Imħabba divina tiġi mogħtija lilna permezz tal-Ispirtu s-Santu: "Huwa għalhekk dan l-Ispirtu s-Santu li minnu ġej li Alla jgħammar fina u aħna fih: issa, dan hu l-għemil tal-imħabba. Huwa mela l-Ispirtu s-Santu li huwa Alla tal-imħabba. … Hekku għaliex l-Ispirtu s-Santu, Alla li ġej minn Alla, meta jingħata lill-bniedem iqabbdu bl-imħabba għal Alla u għall-proxxmu, billi huwa stess hu l-imħabba. Difatti l-bniedem m'għandux min fejn iħobb lil Alla, jekk dan ma jirċievihx minn għand Alla, għax Alla ħabbna l-ewwel. L-appostlu Pawlu jgħidilna, hu wkoll : 'l-imħabba ta' Alla ġiet imxerrda fi' qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li ġiet mogħti lilna"' ( Fuq it-Trinita', 15,17,31).

Għal Santu Wistin kollox hu mibni fuq l-imħabba. Fil-opra kbira tiegħu, il-Belt ta' Alla, l-isqof ta' Ippona, jaqsam il-bnedmin f'żewġt ibliet: il-Belt ta' Alla u l-Belt tal-Art. ta' l-ewwel huma ċ-ċittadini tas-Saltna tas-sema, l-oħrajn huma l-ilsira tal-ħażen, tal-passjonijiet u tad-dnub. X'differenza hemm bejniethom ? Waħda biss : l-imħabba li bihom iħobbu. Wara li jeżamina l-imġiba tal-bniedem, Santu Wistin jikkonkludi : "Dan kollu jurina ż-żewġ imħabbiet li taw bidu għal żewġt ibliet, dik ta' l-art li tnisslet mill-imħabba tal-ħlejjaq li ħabbew lilhom infushom tant li maqdru 'l Alla, u dik tas-sema li tnisslet mill-imħabba tal-ħlejjaq li ħabbew 'l Alla tant li maqdru lilhom infushom; dik tiftaħar biha nfisha, din tiftaħar b'Alla; dik trid il-glorja tagħha mill-bnedmin, din għandha 'l Alla l-aqwa glorja tagħha, u hu jixhed għall-kuxjenza tagħha" (Il-Belt ta' Alla, XIV, 24).

Din is-sena qiegħdin niċċelebraw il-festa ta' Santu Wistin, Patrun tal-Parroċċa tagħna, fis-sena Pawlina. Ejjew għalhekk nifirħu b'dawn iż-żewġ qaddisin, kolonni tal-Knisja, u bħalhom u fuq l-eżempju tagħhom nibnu l-eżistenza tagħna fuq il-vera Mħabba li twassalna għall-milja ta' ħajjitna u tal-fidi tagħna.

**P. Luċjan Borġ OSA**


# Zammit Bakery
4, St. Patrick Street Valletta
Tel: 21231752
***Best seller for fancy and Maltese Bread***